**Minuti ta' l-ewwel laqgħa tas-seba Kunsill Lokali Nadur**
**Nhar it-Tlieta, 2 t' April, 2012 fis-7:30 p.m.**

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Charles Said | Kunsillier |
| Eucharist Camilleri | Kunsillier |
| Josianne Cutajar | Kunsillier |
| Miriam Portelli | Kunsillier |
| Maria Natoli | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Ezekuttiv* |

*Kien preżenti Raymond Vella – resident fin-Nadur bħala spettatur.*

---

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sinjura Maria Natoli bħala l-aktar Kunsillier anzjan.

2. **Ħatra tas-Sindku.** Is-Sinjura Maria Natoli staqsiet lil Charles Said jekk hu jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Charles Said aċċetta din il-kariga u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

3. **Ħatra ta' Viċi Sindku.** Maria Natoli staqsiet lis-Sur Eucharist Camilleri jekk hu jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Eucharist Camilleri aċċetta din il-kariga u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

4. **Merħba**. Min dan il-mument il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku Charles Said. Hu ta merħba liż-żewġ kunsilliera ġodda fil-Kunsill Lokali tan-Nadur. Is-Sindku talab il-kooperazzjoni tal-kunsilliera kollha sabiex issir ħidma għal ġid tal-lokal u r-residenti kollha tiegħu bħal ma sar f'kul żmien kemm ilu mwaqqaf il-Kunsill. Kien hemm qbil li l-laqgħat tal-Kunsill isiru nhar ta' Tlieta filgħaxija fis-7:30 p.m bħala regola.

5. **Badges.** Is-Segretarja ppreżentat il-lapel badge u insigna lis-Sindku. Is-Segretarja tat badge tad-deheb lill-Kunsilliera eletti fil-gurnata tal-ġurament. Din il-badge tingħata lill-Kunsilliera u ċittadini onorarja biss.

6. **Tqassim ta' Responsabbilitajiet.** Il-kunsilliera ngħataw dawn ir-responsabbilitajiet:

   Charles Said – Ambjent (ġonna, toroq, bajjiet, żoni rurali u urbani) u kultura

Eucharist Camilleri – Sports u proġetti

Miriam Portelli – Ħidma Soċjali u żgħażagħ

Josianne Cutajar – Edukazzjoni u tapping of EU funds

Maria Natoli – Ġemellaġġi u relazzjonijiet u kuntatti barra minn Malta

7. **Seminars.** Is-Sindku, Charles Said informa lill-Kunsilliera li fil-jiem li ġejjin ser ikun hemm żewġ seminars interressanti u staqsa jekk kienx hemm xi kunsillier interressat li jattendi għalihom. Dawn huma "WIN Project" li ser issir nhar il-11 u 12 t'April f'Bugibba u "Keys to Culture 2012" li ser issir fis 19 t'April, 25 t'April u 19 ta' Gunju. Miriam Portelli ser tattendi is-Seminar tal-WIN project fit-12 t'April peress li ma tistax fil-11 filwaqt li Josianne Cutajar ser tattendi s-Seminar Keys to Culture li għad m'ghandhux venue.

8. **Sotto Kumitat Organizzativ ta' l-Attivitajiet Kulturali.** Is-Sindku talab sabiex jitwaqqaf sotto kumitat organizzativ ta' l-attivitajiet kulturali kif dejjem sar, b'lista twila ta' persuni u dan sabiex jiġu nvoluti kemm jista jkun persuni u kullħadd jagħmel biċċa mix-xogħol li jrid isir. Hu issuġġerixxa persuni u żdiedu oħrajn mill-kunsilliera. Il-persuni nnominati huma: Mark Azzopardi, Andrew Muscat, Mons. Salvu Pace, William Said, Anton Said, Antonia Portelli, Joe Zerafa, Raymond Vella, Charles Xuereb , Ivan Attard, Marvin Camilleri, Darren Vella, Joseph Camilleri, Dr. Rita Mifsud, Grace Portelli, Peter Paul Buttigieg, Peter Mifsud, Sammy Buttigieg, Ines Buttigieg Frankie Meilak, Marita Bigeni, Maria Galea, William Vella, Paul Said, l-Arċipriet, rapprezentant mis-Socjeta Filarmonika Mnarja, Kumitat tan-nar u Nadur Youngsters. Il-Kunsilliera kollha jkunu ex officcio membri. Għandha tintbgħat ittra lil dawn il-persuni. L-ewwel laqgħa ser issir nhar it-Tlieta 17 t'April fis-7:30 ta' filgħaxija.

9. **Ġuramenti.** Is-Sindku Charles Said u l-Viċi Sindku Eucharist Camilleri ser jieħdu l-ġuramenti tal-karigi ġodda tagħhom fl-10 t'April f'ċeremonja li ser issir fil-Banca Giuratale. Il-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar l-Erbgħa 11 t' April 2012 fis-7:30 p.m.

Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 p.m.